A.L. 143 ta' l-2003

ORDINANZA DWAR SELF LOKALI (*STOCK* U TITOLI REĠISTRATI) (KAP. 161)

Direttiva mill-Ministru tal-Finanzi u Affarijiet Ekonomiċi għall-Ħruġ ta' Lm66,700 *Stock* tal-Gvern bis-7%, 2013 (III)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4(1)(a) ta' l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), Kap, 161, u bl-artikolu 6 ta' l-Att dwar Proprjetà ta' Entitajiet Ekklesjastiċi, Kap. 358, u bis-saħħa tal-Ftehim bejn is-Santa Sede u Malta, iffirmat fit-28 ta' Novembru, 1991, u riprodott fl-Iskeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1992 dwar Proprjetà ta' Entijiet Ekklesjastiċi, il-Ministru tal-Finanzi u Affarijiet Ekonomiċi awtorizza l-ħruġ tas-somma ta' Lm66,700 fi *Stock* tal-Gvern bis-7% f'isem il-Fondazzjoni għall-Iskejjel tal-Knisja kif-ġej:-

Mod ta' Ħruġ ta' l-i*Stock*.

1. L-i*Stock* li hu negozjabbli u ħieles mit-taxxa fuq id-dokumenti, għandu jinħareġ bil-prezz ta' Lm100 fil-mija u jkun allokat lill-Fondazzjoni għall-Iskejjel tal-Knisja f'multipli ta' Lm100 fit-30 ta' Ġunju, 2003.

Rata ta' l-imgħax u dati tal-pagamenti.

2. L-imgħax sħiħ għandu jitħallas b'lura kull sitt xhur fit-30 ta' Ġunju u fit-30 ta' Diċembru ta' kull sena matul il-perjodu ta' l-i*Stock*. Ir-rata ta' l-imgħax tkun riveduta kull sentejn, li jibdew jgħoddu mill-ħruġ ta' l-i*Stock*, b'tali mod li jinżamm 1% anqas mir-rata massima normali tas-self skond il-liġi, sakemm dan qatt ma jkun anqas minn 7%.

Il-ħlas ta' l-imgħax għandu jsir b'*warrant*, li jintbgħat bil-posta għand l-i*stockholder* innifsu għar-riskju tieghu jew f'xi fergħa ta' bank lokali, għand persuna jew korp ta' persuni li lilhom l-i*stockholder* ikun, b'talba bil-miktub, awtorizza lill-*Accountant General* biex joħroġ il-*warrant*. L-ebda *warrant* m'għandu jitħallas sakemm ma tkunx iffirmata irċevuta relattiva u tali irċevuta għandha tkun prova ta' ħlas favur l-*Accountant General* u l-Gvern. F'każijiet li l-i*Stock* ikun reġistrat f'ismijiet ta' żewġ persuni jew aktar bħala *stockholders* aġġunti, l-*Accountant General* jista' jagħmel il-ħlas bil-mod indikat hawn aktar qabel lil dik il-persuna li isimha jidher l-ewwel fuq ir-reġistru. Riċevuta

ta' ħlas ta' mgħax mogħtija minn wieħed jew tnejn jew aktar *stockholders* aġġunti għandha, sakemm ma jkunx hemm avviż kuntrarju li jinghata lill-*Accountant General* minn xi *stockholder* ieħor aġġunt, tkun prova ta' ħlas ta' l-imgħax favur l-*Accountant General* u l-Gvern.

Negozjar fil-Borża ta' Malta.

Kap 345.

3. L-applikazzjoni biex l-i*Stock* jitqiegħed fuq il-lista uffiċjali u biex ikun negozjat fil-Borża ta' Malta għandha ssir skond l-Att dwar il-Borża ta' Malta. Tali *Stocks* jistgħu jinbiegħu lill-pubbliku bl-awtorità minn qabel tal-Konferenza Episkopali Maltija.

Piz fuq id-Dħul u l-Assi tal-Gvern.

4. L-i*Stock* u l-imgħax fuqu għandhom ikunu akkarigu tad-dħul u l-assi ġenerali tal-Gvern ta' Malta.

Redenzjoni ta' l-i*Stock*.

5. L-i*Stock* jinfeda fi *premium* ta' 10 fil-mija fuq il-valuri nominali tiegħu f'data bejn l-1 ta' Jannar ta' l-2013 u l-31 ta' Diċembru, 2013 (iż-żewġ dati inklużi) skond kif jiddetermina l-*Accountant General* u skond ma jiġi notifikat fil-Gazzetta tal-Gvern.